Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att ta' Akkuza Nru: 5/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Daniel Felice

Illum 22 ta' Settembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza nru. hamsa (5) tas-sena elfejn u erbatax (2014) migjuba fil-konfront ta' Daniel Felice, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 580288M, fejn l-Avukat Generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (8:30am) il-pulizija tad-dipartiment ta' invetigazzjonijiet kriminali (CID) ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Ingliża kienet instabet feruta bi tlett tiri t'arma tan-nar ħdejn *telephone booth* fiċ-Ċirkewwa. Din il-persuna ġiet mitkellma wara li ttieħdet l-isptar fejn irriżulta li kien jisimgħa Sean Holmes fejn wara li sar sħarriġ irriżulta li kien intlaqat b'dawn it-tiri fis-serata preċedenti senjatament fit-13 ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa u dan waqt li kien qiegħed ġewwa l-Għarb, Għawdex. Wara li saru investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li dawn it-tiri ġew sparati minn pistola mir-residenża bl-indirizz 'Casa Felice', Triq tat-Trux ġewwa l-Għarb u li l-persuna responsabbli talli sparat dawn it-tiri kien Daniel Felice li jirresjedi fl-imsemmi indirizz u li huwa l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet li saru rriżulta li Silvio Felice li huwa missier l-akkużat f'dawn il-proċeduri kellu relazzjoni barra miż-żwieġ ma' Jeannette Holmes li hija omm 'l hawn fuq imsemmi Sean Holmes. Jidher illi din ir-relazzjoni kienet iddeterjorat tant illi kien hemm anki xi abbużi fisiċi li allegatament seħħew fil-konfront ta' Jeannette Holmes mill-imsemmi Silvio Felice, fejn hi soffriet ġrieħi, inkluż ksur f'saqajha u theddid. Il-vittma f'dan il-każ, Sean Holmes iddeċieda li jintraċċa lil Silvio Felice sabiex jikkonfrontah dwar il-mod kif kien jittratta lill-ommu. Effettivament dakinhar tat-13 ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), Holmes mar Għawdex fejn sab ir-residenża ta' Silvio Felice, ċioe` 'Casa Felice', Triq it-Trux, Għarb fejn hemmhekk ħabbat il-bieb u talab li jkellem lill-imsemmmi Silvio Felice. Jidher li Silvio Felice ħareġ mir-residenza tiegħu sabiex ikellem lil Holmes fejn hemmhekk inqala argument bejn dawn it-tnejn, waqt liema tilwima Holmes u Felice ġew fl-idejn.

Illi skond il-provi Silvio Felice imbotta lil Sean Holmes li rritalja u taħ daqqa ta' ponn f'wiċċu. Safrattant, Daniel Felice li jiġi bin Silvio Felice u l-akkużat f'dawn il-proċeduri kien qiegħed f'din ir-residenża ma ommu u f'dak il-waqt, qabad arma tan-nar li kienet kkargata mill-istess residenża fejn dolożament, bi ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Sean Holmes f'periklu ċar spara tlett tiri fid-direzzjoni tiegħu. Irriżulta li f'dak il-waqt li sparalu Holmes kien qed jitlaq minn fuq il-post u filfatt kien dahru lejn ir-residenża imsemmija. L-akkużat baqa jispara sakemm Holmes waqa milqut mal-art b'dawn it-tlett tiri.

Illi rinfaċċjat b'dik is-sitwazzjoni, Sean Holmes staħba sabiex ma jerġax jintlaqat minn dawn it-tiri fejn l-għada tal-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u bl-għajnuna ta' xi nies ġewwa Għawdex, Holmes irnexxilu jinżel lura Malta fejn hemmhekk mal-wasla tiegħu, l-inċident ġie rrapurtat lill-pulizija u bdew l-investigazzjonijiet opportuni. Fortunatament hu ngħata assistenza medika meħtieġa u fil-pront, fejn filwaqt li baqa jbati minn riperkussjonijiet minn dawn il-ġrieħi kkaġunati minn dawn it-tiri sparati mill-akkużat dolozament kif ġie indikat preċedentement, Sean Holmes ma tilifx ħajtu waqt din l-aggressjoni li kellha

potenzjal fatali u perikolanti fuq ħajtu. Dan indubjament wassal għal riżultat aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tal-akkużat Daniel Felice.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daniel Felice sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daniel Felice, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' tletin sena ħabs (30), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 212 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

L-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30hrs) ġewwa l-Għarb, Għawdex, irriżulta li l-akkużat Daniel Felice, sabiex jikkometti r-reat ikkontemplat fl-ewwel Kap, beda jispara fid-direzzjoni ta' Sean Holmes li f'dak il-waqt kien qiegħed jallontana ruħu mir-residenża tal-istess akkużat Felice u ċioe` 'Casa Felice', Triq it-Trux, Għarb u ċioe` fi triq pubblika f'żona residenżjali. In oltre, wara l-investigazzjoni li saru rriżulta li l-akkużat m'għandux liċenzja sabiex iġorr u wisq inqas li jispara armi tan-nar fil-pubbliku.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daniel Felice sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daniel Felice, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontral l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur (6) u mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa ta' mhux anqas minn tmient elef Euro (€8,000) u mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000) jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 24(1)(2), 29(1)(2)(b) u 33(1) ta' L-Ordinanża dwar l-Esplossivi (Kap 33) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

L-Avukat Generali fit-tielet kap ippremetta:

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30hrs) ġewwa l-Għarb, Għawdex, irriżulta wkoll li l-akkużat kien qed jagħmel użu minn arma tan-nar filwaqt li għamel tentattiv fuq il-ħajja ta' Sean Holmes filwaqt li hu kien qed jallontana ruħu mir-residenża tal-imsemmi akkużat ġewwa Għarb, Għawdex. Filfatt irriżulta wkoll li l-ġrieħi sofferti minn Holmes u ttrajetorja tagħhom kienu kompattibli ma tiri magħmula minn din l-arma tan-nar filwaqt li Holmes kien qed jagħti dahru lil din ir-residenza u liema sparaturi ġew minn din l-istess residenza. B'hekk jirriżulta b'mod ċar ukoll li l-arma in kwistjoni kienet qed tintuża mill-akkużat għal raġuni mhux leġittima.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daniel Felice sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon (arma tan-nar), jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daniel Felice, ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon (arma tan-nar), jew xi imitazzjoni ta' arma tan-nar, u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal

żmien ta′ mhux iżjed minn erba snin (4) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta′ L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta′ l-imsemmi akkużat.

L-Avukat Generali fir-raba′ u l-ahhar kap ipremmetta:

Illi finalment u fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta′ din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` nhar it-tlettax (13) ta′ Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta′ filgħaxija (21:30hrs) ġewwa l-Għarb, Għawdex, irriżulta mill-investigazzjonijiet li l-akkużat, li kien spara l-arma li ntużat sabiex jikkometti r-reat ikkontemplat fl-ewwel kap ta′ din l-att tal-akkuża, ma kellu l-ebda liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iżomm arma jew munizzjon kemm ġewwa kif ukoll barra minn fond li jista jagħmel mal-arma in kwistjoni.

Illi b′għemilu l-imsemmi Daniel Felice sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f′xi fond jew kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra, minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daniel Felice, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f′xi fond jew kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra, minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta′ priġunerija għal żmien ta′ mhux inqas minn tlett xhur (3) u mhux iżjed minn ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5(1), 51(2), 56 u 61 ta′ L-Att Dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta′ l-imsemmi akkużat.

Rat l-eccezzjonijiet preliminari pprezentati minn l-akkuzat Daniel Felice fit-23 ta′ Mejju, 2014, fejn gew pprezentati is-segwenti eccezzjonijiet:

i) Illi l-kliem fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza fejn fit-tieni paragrafu tal-parti narrattiva tal-istess Kap hemm referenza ghall-allegazzjoni li Silvio Felice kellu

"relazzjoni barra miz-zwieg", u li "kien hemm anki xi abbuzi fizici" ghandhom jitnehhew.

L-istess jinghad ghal dak mitkub fit-tielet u fir-raba' paragrafi tal-Ewwel Att tal-Akkuza fejn l-Avukat Generali juza' l-kliem:

- "L-akkuzat baqa' jispara sakemm Holmes waqa milqut mal-art b'dawn it-tlett tiri"
- "Sean Holmes stahba"
- "...nghata assistenza medika mehtiega u fil-pront, fejn filwaqt li baqa' jbati minn riperkussjonijiet minn dawn il-griehi..."
- "...potenzja fatali u perikolanti fuq hajtu"

L-esponenti qieghed joggezzjona ghal dan il-kllem supra citat, ghaliex ma jsib l-ebda konfort fl-ebda prova u ghaldaqstant, l-esponenti jitlob li l-kliem in kwistjoni jigi mibdul.

Illi din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 499(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

ii) Illi partijiet sostanzjali tax-xiehda ta' Sean Holmes, fejn Sean Holmes jitkellem dwar dak li allegatament ghamel Silvio Felice lil omm Sean Holmes ghandha tigi dikjarata inammissibili. Dan qed jinghad minhabba li tali xiehda tammonta ghall-hearsay evidence.

Dan il-hearsay pjuttost estensiv li hemm fid-deposizzjoni ta' Sean Holmes, huwa bir-rispett, hearsay kapriccjuz, in kwantu mhux biss fil-kumpilazzjoni ma ttellatx tixhed omm Sean Holmes, jew tobba, jew pulizija li setghu jikkonfermaw o meno dawn l-allegazzjonijiet, izda ghaliex l-Avukat Generali lanqas biss indika lil omm Sean Holmes fil-lista tax-xhieda.

Fl-ahhar lok, jinghad bir-rispett, illi f'kull kaz, dak li allegatament gara bejn missier l-akkuzat u omm Sean Holmes, ma huwiex relevanti ghall-akkuzi li bihom l-akkuzat huwa rinfaccat. Dan stante wkoll, li l-allegat akkadut, allegatament sehh qabel l-indicent mertu tal-proceduri in kwistjoni. Apparti minn hekk, jekk dan il-hearsay jigi dikjarat ammissibbli, dawn l-istess allegazzjonijiet jistghu jinfluwenzaw lill-gurati

avversament kontra l-akkuzat, minhabba li Silvio Felice jigi missier l-akkuzat . Dan fl-umili fehma tal-esponenti ser iwassal biex l-esponenti jsofri pregudizzju serju intortament u ingustament.

Din l-eccezzjoni qed tingieb il-quddiem mhux biss fil-konfront tax-xiehda ta' Sean Holmes, izda wkoll fil-konfront tal-kumplament tax-xiehda tal-prosekuzzjoni, u tal-parti narrattiva tal-Ewwel Kap tal-Akkuza, fejn hemm referenza ghal dawn l-allegati abbuzi fizici fil-konfront ta' Jeannette Holmes, u tal-griehi f'saqajjha allegatament kommessi minn Silvio Felice.

Illi din l-eccezzjoni, fil-konfront kemm tal-Ewwel Kap, kif ukoll tat-tesimonjanzi indikati, qed tingieb a bazi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

**i)** iii) Illi l-parti tat-testimonjanza ta' Sean Holmes fejn jitkellem dwar dak li allegatament sofra hu, u dak li allegatament ghamlu u/jew ikkonstataw it-tobba tieghu fl-Ingilterra, dwar l-allegati griehi li allegatament sofra, ghandha tigi dikjarata inammissibli.

Din l-eccezzjoni qed tingieb il-quddiem, ghaliex fl-ewwel lok, dak li allegatament qalu t-tobba fl-Ingilterra lil Sean Holmes huwa hearsay evidence. Hadd ma jaf min huma dawn it-tobba, u ghalhekk, hadd ma jista' jkollu kontroll fuqhom dawn it-tobba. Di più dawn ma gewx jixhdu u ma humiex lanqas indikati fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni. A skans ta' repetizzjoni, is-sottomissjonijiet dwar hearsay evidence li saru taht l-eccezzjoni (ii) ghandhom jitqiesu bhala parti minn din l-eccezzjoni wkoll.

Apparti minn hekk, u aktar importanti minn hekk, fit-tieni lok, din l-eccezzjoni qed tingieb ukoll il-quddiem, ghaliex il-procedura penali hawn Malta hija tali li fejn ic-cirkostanzi ikunu tali li jehtiegu sengha u hila specjali, bhal fil-kamp mediku, ghandu jitqabbad espert, izda dan l-espert ghandu jigi mqabbad u nominat mill-

Qorti. Dan kollu qed jinghad ai termini inter alia tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl tal-premess, xhieda esperti ex-parte, fil-proceduri kriminali ma humiex ammissbli, u ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, kellhom jixhdu dawn l-allegati tobba Inglizi, l-opinjoni taghhom tkun wahda inammissibli minhabba li tikkostitwixxi xiehda ta' espert ex-parte.

Jinghad bir-rispett, illi din il-parti tat-testimonjanza ta' Sean Holmes, fejn Holmes stess jitkellem dwar l-griehi tieghu, lanqas ma ghandha tigi ammessa bhala dak li qed jghid Holmes inniffsu, u mhux dak li allegatament qalulu t-tobba. Dan ghaliex, kif gie sottomess, fil-paragrafi precedenti, stante li dak li qed jitkellem dwaru huwa suggett li jehtieg li bniedem ikollu hila u sengha specjali, ghaldaqstant, ghandhom ikunu t-tobba u l-ispecjalisti nominati mill-Qorti li ghandhom jaghtu l-opinjoni u l-konstatazzjonijiet taghhom dwar il-greihi, u mhux il-parte civile inniffsu – xhud li del resto kellu kull intenzjoni li jkabbar u jamplifika l-griehi sofferti minnu, ferm aktar milli effettivament kienu fil-verita'.

Illi din l-eccezzjoni qed tingieb a bazi tal-artikoiu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

iv) Illi l-parti tat-testimonjanza ta' Sean Holmes fejn a fol 34 tal-process jindika l-piena li huwa inghata in segwitu ghall-proceduri kriminali li ttiehdu kontra Sean Holmes stess ghandha tigi dikjarata inammissibli.

Din l-eccezzjoni qed tingieb il-quddiem al termini tai-artikolu 499(1)(g) tal-Kodici Kriminal.

v) Illi r-rapport redatt konguntivament minn PS 602 John Attard u l-Brigadier Maurice Calleja (DOK MC) huwa inammissbli in kwantu dik li-parti fejn PS 602 John Attard qieghed jaghti l-opinjoni esperta tieghu.

Jinghad bir-rispett, illi kif jidher miz-zewgt inkjesti redatti mill-Magistrati Dr. Anthony Ellul, u Dr. Miriam Hayman, PS 602 John Attard, gie nominat bhala espert ballistiku. Ghaldaqstant, huwa gie nominat mill-Qorti sabiex jaghti opinjoni esperta u komparattiva. Madanakollu, stante li huwa kien fiz-zmien in kwistjoni, membru

fil-Korp tal-Pulizija, huwa qatt ma seta' jitqabbad sabiex jespleta tall nomina u jaghti opinjoni esperta tieghu.

Jinghad bir-rispett, illi r-rapport ipprezentat konguntigavement minn PS 602 u l-Brigadier Maurice Calleja, juri bic-car li PS 602 John Attard ghamel komparazzjoni fuq il-mikroskopju komparatorju fil-laboratorju forensiku. Madakollu, din il-konstatazzjoni tieghu ma tista' qatt tkun ammissibli fl-awla tal-provi kriminali, stante li tali analizi tirrekjedi hila u sengha specjali, u allura konsegwentament, in-nomina ta' espert, liema nomina ma tista' qatt tghajjat lil membru tal-Korp tal-Pulizija.

L-esponenti qieghed in fatti joggezzjona ghan-nomina ta' PS 602 John Attard, bhala espert ballistiku dan minhabba li fiz-zmien tan-nomina tieghu u ta' meta gie redatt r-rapport, l-istess John Attard kien membru fil-Korp tal-Pulizija. Ghaldaqstant, stante li PS 602 fiz-zmien relattiv kien jiddependi mill-Kummissarju tal-Pulizija, huwa ma seta' qatt jitqies bhala espert indipendenti u imparzjali, izda biss espert ex-parte u ghalhekk inammissibli.

Stante li din l-eccezzjoni, fl-umili fehma tal-esponenti hija pjuttost cara, huwa ma huwiex ser jiddilunga dwar l-istess, izda jaghmel referenza biss ghall-gurisprudenza Ewropea, kif ukoll dik nostrana, fosthom ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun***, deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-2 ta' Ottubru 1997, liema decizzjoni giet sussegwentament konfermata kemm-il darba f'sentenzi li pprecedewha.

Fl-ahhar lok, u srtettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti qieghed joggezzjona ghan-nomina ta' PS 602 kif indikata fl-atti tal-inkjesta, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, kellu jigi accettat li n-nomina in kwistjoni tista' b'xi mod tfisser li PS 602 kellu jagixxi bhala SOCO, dan xorta wahda ma jissanax is-sehem tieghu fir-rapport DOK MC. Is-SOCO jista' se mai jeleva, u jaghti deskrizzjoni tal-oggetti misjuba fuq xena tad-delitt, izda ma jista' qatt jaghmel analizi jew ezamijiet forensici u jaghmel komparazzjonijiet taht mikroskopju bhal fil-kaz in kwistjoni – dan iktar u iktar meta huwa membru fil-Korp tal-Pulizija!

Din l-eccezzjoni qed tingieb a bazi tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

vi) Illi t-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuza huwa null u dan ghas-segwenti ragunijiet:

A) minhabba li r-reat in kwistjoni, li bih l-esponenti gie originarjament akkuzat f'Dicembru 2007 illum il-gurnata ma ghadux jezisti;

B) minhabba li l-artikolu tal-ligi kwotati mill-Avukat Generali f'Dicembru 2007 ma kienux ghadhom jezistu;

Qabel mal-esponenti jaghddi biex jelenka l-punti (A) sa (C) fid-dettal ser jaghmel is-segwenti punti:

L-esponenti fic-citazzjoni gie rinfaccat b'imputazzjonijiet inter alia talli:

*"spara arma tan-nar f'post abitat u pubbliku ghaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metru mill-abitat".*

L-Avukat Generali fit-tieni paragrafu tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, jghid testwalment:

*"Illi b'ghemilu l-imsemmi Daniel Felice sar hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet."*

Imbaghad jghaddi sabiex jitlob illi l-akkuzat:

*"jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur (6) u mhux izjed minn sentejn (2) jew multa ta' mhux anqas minn tmient elef Euro (€8,000) u mhux izjed minn tmenin elf Euro (€ 80,000), jew dik il-multa u prigunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 2, 24(1)(2), 29(1)(2)(b) u 33(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplosivi (Kap 33)....."*

**A)** Id-dicitura li intuzat fic-citazzjoni kif ukoll li intuzat mill-Avukat Generali fit-tieni paragrafu tat-Tieni Kap tal-Akkuza, hija identika ghall-artikolu 24(2) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, kif kien fid-data tal-allegat delitt, i.e. fit-13 ta' Dicembru 2007.

In oltre, l-artikolu 33(1) tal-Kap 33, kif citat mill-Avukat Generali kellu, f'Dicembru 2007 jittiehed in konnessjoni mal-artikolu 24(2) ta' dak iz-zmien.

**Gara però li bl-Att XX.2012.6, dan is-sub-artikolu (2) tal-artikolu 24 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi thassar.** Infatti insibu fl-Att XX.2012.6 is-segwenti:

*"L-artikolu 24 tal-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:*

*(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar; u (b) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) tiegħu rispettivament."*

Ghaldaqstant stante li l-imputazzjoni li kien originarjament akkuzat biha, illum il-gurnata ma ghadhiex tikkostitiwixxi reat, ghaliex in fatti l-artikolu tal-ligi in kwistjoni gie kancellat, ma jistax issa l-esponenti issa jigi misjub hati tieghu. L-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati ta' xi haga li fil-prezent ma tikkostitwixxix reat.

Jigi sottomess illi in linea mal-insenjament, *nullum crimen, nulla peona sine lege*, u tal-fatt illi meta jsiru emendi simili fil-ligi li jolqtu l-aspett sostantiv u mhux procedurali tal-ligi, u tal-fatt illi f'kazijiet bhal kaz in kwistjoni, il-principji tal-gustizzja jiddettaw li ghandha tapplika l-ligi kif l-aktar ta' beneficcju ghall-akkuzat, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligjiet ta' Malta, li llum huwa mhassar!

Ghal kull buon fini u strettament minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi umilment sottomess illi l-bqija tal-artikolu 24 ma ghandu x'jaqsam xejn mal-allegat akkadut, i.e. il-fatt kif allegatament graw skond l-Avukat Generali ma jinkwadrawx taht il-bqija tal-artikolu 24 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi. Ghalhekk, dan ikompli jikkonferma li l-esponeni ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(1) indikat ukoll fit-Tieni Kap tal-Akkuza.

Konsegwentament, l-artikoli 24(1)(2) u 33(1) tal-Ordinanza dwar l-Espolissivi ghandhom jigu imhassra mit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

**B)** L-Avukat Generali fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza jsemmi l-artikolu 29(1)(2)(b) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi. **Madanakollu, fiz-zmien tal-incident de quo, i.e. fit-13 ta' Dicembru 2007, is-sub-artikoli (1) u (2)(b) tal-artikolu 29 tal-Kap 33 ma kienux jezistu!**

Fit-13 ta' Dicembru 2007 l-artikolu 29 tal-Kap 33 kien jikkonsisti biss f'paragrafu wiehed biss minghajr l-ebda sub-artikolu, u apparti l-fatt li kien jitratta biss il-pussess ta' esplozzivi, il-piena kienet ta' massimu ta' sitt (6) xhur priguneria jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux aktar minn €465.87.

**Is-sub-artikoli (1) u 2(b) tal-artikolu 29 tal-Kap 33 gew mizjuda bl-Att VIII tal-2008.** Dawn l-emendi kienu jghidu testwalment:

*L-artikolu 29 tal-ligi principali ghandu jigi emendat kif gej:*

*(a) id-disposizzjoni tieghu prezenti ghandha tigi enumerata mill-gdid bhala s-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu u minflok il-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena talprigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn sitta u erbghin euro u disgha u hamsin centezmu (46.59) u mhux izjed minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87)," ghandhom jidhlu l-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn hmistax-il elf euro (€15,000) u mhux izjed minn hamsin elf euro (€50,000),";*

*(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tieghu kif enumerat mill-gdid ghandu jidhol dan li gej:*

*"(2) Meta porvli ta' l-isparar jew xi sustanza ohra kif imfisser fis-subartikolu (1) u li huma mizmuma, ippreparati, mibjugha, offruti ghall-bejgh jew ikkunsinnati*

*kif previst fis-subartikolu (1) jikkawzaw spluzjoni li b'konsegwenza taghha tigi kagunata mewt ta' persuna ohra jew offiza gravi fuq persuna ohra, il-persuna li zammet, ippreparat, bieghet, offriet ghall-bejgh jew ikkunsinnat dawk l-istess porvli ta' l-isparar jew sustanza ohra, tista' tehel, meta tinsab hatja, kif gej:*

*(a) meta tkun giet ikkagunata l-mewt ta' persuna ohra, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erba' snin;*

*(b) fejn titwettaq offiza gravi fuq il-persuna liema offiza tipproduci xi wiehed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tmint elef euro (€8,000) izda mhux izjed minn tmenin elf euro (€80,000) jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien;*

*(c) fejn titwettaq offiza gravi fuq il-persuna liema offiza ma tipproducix xi wiehed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda mhux izjed minn ghoxrin elf euro (€20,000) jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.".*

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, una volta dawn l-artikoli li bihom l-esponenti qed jigi akkuzat fit-Tieni Kap tal-Akkuza, kienu ghadhom ma jezistux, u ghalhekk, l-agir kontemplat fihom, kien ghadu ma jikkostitwixxix reat f'Dicembru 2007, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikoli 29(1)(2)(b) kif indikati mill-Avukat Generali.

Din l-eccezzjoni qed tingieb il-quddiem ukoll ai termini tal-principju *nullum crimen, nulla peona sine lege,* liema principju huwa kristallizzat fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea.

**C)** Fl-ahhar lok, u ghal darb'ohra strettament minghajr pregudizzju ghal paragrafi precedenti, jinghad bir-rispett, illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-eccezzjonijiet (A) u (B) supra, xorta wahda l-piena indikata mill-Avukat Generali fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza hija wahda zbaljata. Il-piena, in linea mal-principji Kostituzzjonali supra kwotati, ghandha tkun ta' massimu ta' sitt (6) xhur prigunerija jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux aktar minn €465.87.

Din l-eccezzjoni qed tingieb a bazi tal-artikoli 449(1)(b)(c)u(g)tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-06 ta' April 2016 fejn d-difiza **irtirat l-eccezzjoni (v)** imressqa mill-akkuzat u l-kaz gie differiet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra sollevati.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar l-eccezzjonijiet li iridu jigu decizi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel eccezzjoni minnu imqanqla l-akkuzat jikkontendi illi l-kliem fil-parti narrattiva tal-Ewwel Kap ta'l-att ta'l-akkuza fejn issir allegazzjoni illi Silvio Felice, missieru, kellu "relazzjoni barra miz-zwieg" u li "kien hemm anki xi abbuzi fizici" ghandhom jitnehhew.

L-istess ghandu isir fil-fehma tieghu ghar-rigward tal-kliem adoperat fit-tielet u ir-raba paragrafi tal-Ewwel Kap tal-Att ta'l-Akkuza fejn hemm imnizzel:

- "L-akkuzat baqa' jispara sakemm Holmes waqa' milqut mal-art b'dawn it-tlett tiri."
- "Sean Holmes stahba"
- "… nghata assistenza medika mehtiega u fil-pront fejn filwaqt li baqa jbati minn reperkussjonijiet minn dawn il-griehi …"
- "… potenzjal fatali u perikolanti fuq hajtu."

Dan ghaliex jishaq l-akkuzat illi dawn il-kliem uzati fl-Ewwel Kap ta'l-att ta'l-akkuza ma isibu l-ebda komfort fil-provi ikkumpilati u allura il-kliem adoperat mill-Avukat Generali ghandu jigi mibdul biex jirriflettu l-fatti kif esposti fl-atti kumpilatorji.

Illi huwa principju rassodat illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta'l-att tal-akkuza ma jistghu qatt jitqiesu bhala xi fatt ippruvat billi l-apprezzament tal-provi huwa imhollija unikament f'idejn il-gurija. Kwindi meta l-Avukat Generali jaghmel l-esposizzjoni tieghu tal-fatti tal-kaz fl-att ta'l-akkuza huwa jislet l-isfond tal-kaz kif jifhimhom li graw hu u dan mill-provi li jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni. Illi l-gurija kemm il-darba tigi imwissija illi dak dikjarat f'din il-parti ta'l-att ta'l-akkuza ma tista' qatt tittiehed bhala prova billi huwa biss fuq x-xhieda u provi ohra dokumentali illi l-Avukat Generali iressaq f'isem ir-Repubblika ta' Malta illi l-gurati jistghu iserrhu il-verdett taghhom.

**"Illi skont l-artikolu 588 tal-Kodici Kriminali "l-att tal-akkuza ghandu jigi maghmul bil-miktub u ghandu jigi iffirmat mill-Avukat Generali" u skont l-artikolu 589 tal-istess Kodici "L-att tal-akkuza jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta". Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li**

**jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun. [1]"**

Dan ghaliex:

**"l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita' ta' l-att ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[2]"**

Issa minn ezami tal-atti ta'l-istruttorja ghandu johorg illi dawn il-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fl-att ta'l-akkuza isibu konfort fix-xhieda ta' Sean Holmes meta jirrakonta mhux biss ir-retroxxena li waslitu sabiex imur ifittex lil missier l-akkuzat gewwa Ghawdex izda ukoll meta jirrakonta dak li ghadda minnu fil-hin li segwa l-isparatura fuqu. Huwa evidenti illi dan kollu irid jigi ikkonfermat minn Holmes stess fil-kors tal-guri u allura fl-istadju opportun sabiex ikun jista' jitiqes bhala fatt ippruvat.

Illi allura din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha thassar il-brani indikati mill-akkuzat fl-ewwel eccezzjoni tieghu billi dawn gew misluta mill-atti tal-kumpilazzjoni mill-Avukat Generali meta irrakonta il-fatti tal-kaz kif fehmhom hu u mhux kif allura huma ippruvati billi dan huwa imholli interament ghal gudizzju tal-gurija fl-istadju tal-guri. Kwindi din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

ii. Illi l-akkuzat imbaghad fit-tieni eccezzjoni minnu intentata jiltob illi dik il-parti tax-xhieda moghtija minn Sean Holmes fejn huwa jirrakonta dak li allegatament sehh bejn missier l-akkuzat Silvio Felice u ommu ghandha tigi iddikjarata inammissibli billi tikkostitwixxi *hearsay evidence* u dan meta omm l-istess Holmes la xehdet fl-istadju kumpilatorju u lanqas hija indikata bhala xhud tal-Prosekuzzjoni

[1] App. Krim Sup – 09/01/2014 Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius u Eleonor Tracy Agius
[2] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat

issa f'dan l-istadju. *Di piu'* jikkontendi illi l-allegata relazzjoni extra-matrimionjali bejn Silvio Felice u omm Holmes ma ghandha ebda rilevanza ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu. Kwindi mhux biss ix-xhieda ta' Sean Holmes imma kwalunkwe xhieda ohra li titkellem dwar l-allegati abbuzi li issubiet Jeanette Holmes minn taht idejn missier l-akkuzat u il-griehi li setghet sofriet l-istess Jeanette Holmes ghandha tigi skartata.

Illi jinghad minnufih illi l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` ta' xhieda tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess.

Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9:

**"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

**"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċhad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

**15.** Fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'***

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus**

**Meinrad Calleja[3]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

**"'… Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

**16.** Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet **Ir-Republika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

**"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li <u>din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni</u>**

[3] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**<u>tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.</u> …..** (sottolinjar tal-Qorti)

**21. Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza. Issa f'dan il-kaz dak li l-akkuzat qed isib eccezzjoni ghalih huwa ghal dik il-parti tax-xhieda ta' Sean Holmes fejn issir referenza ghall-allegata relazzjoni extra-matrimonjali bejn ommu Jeanette Holmes u missier l-akkuzat Silvio Felice. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-imsemmija Jeanette Holmes qatt ma tressqet bhala xhud fl-istadju ta'l-istruttorja sabiex tinnega jew tikkonfermaw dawn il-fatti allegati minn binha, u ghalkemm ukoll huwa minnu li ma hemmx l-icken prova in atti dwar l-allegati griehi li din Holmes setghet sofriet minn taht idejn Silvio Felice, madanakollu il-prova li trid issir f'dan il-kaz, u dan kif jikkontendi l-Avukat Generali, mhuwiex daqstant sabiex issir il-prova dwar il-veracita ta' dawn il-fatti kif dikjarati minn Sean Holmes, izda sabiex jigi indikat il-mottiv li wassal lill-istess Holmes jitla' Ghawdex u imur ifittex lil Silvio Felice u b'konsegwenza ta' liema azzjoni allura sehhew il-fatti li wasslu sabiex inharrget l-Att ta'l-Akkuza fil-konfront ta'l-akkuzat. Tant hu hekk illi anke l-akkuzat stess ihoss il-bzonn li issir il-prova ta' dan meta flimkien man-nota ta'l-eccezzjonijiet tieghu jipprezenta stqarrija rilaxxjata minn Holmes u dan meta huwa gie interrogat mill-pulizija in konnessjoni mal-griehi li huwa ikkaguna lil Silvio Felice fl-agressjoni li ipprecediet l-isparatura. Mhux biss izda hemm ipprezentati mill-akkuzat sahansitra ritratti tal-griehi subiti minn Silvio

Felice u dan minn taht idejn Holmes meta dan mar jiffaccjah ghas-sodisfazzjoni. Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha *a priori* tiskarta dina l-prova bhala wahda inamissibbli u dan billi hija l-prova tal-mottiv li wassal lil Holmes fejn ir-residenza ta'l-akkuzat u li ukoll wasslet sabiex sehh l-incident mertu ta' dan il-kaz. Certament dak dikjarat minn Sean Holems jew minn kwalunkwe xhud iehor qatt ma jista' jikkostitwixxi prova illi l-fatti allegati minnu dwar l-allegata relazzjoni turbolenti bejn Silvio Felice u Jeanette Holmes sehhew, fatti li *del resto* lanqas ma huma ta' rilevanza ai fini ta'l-akkuzi li qed jiffaccja l-akkuzat, izda biss prova tal-isfond li wassal ghal konfront bejn Holmes u missier l-akkuzat.

Ma hemmx ghalfejn jinghad illi l-esposizzjoni ta' dawn il-fatti irid isir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil dawn il-fatti dikjarati minn Holmes. Dan ghaliex il-persuna li tkun tat din l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed u allura l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha. Madanakollu din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat illi *a priori* dik il-parti tax-xhieda ta' Sean Holmes hija wahda inammissibbli billi din tista' tikkostitwixxi prova ai fini tal-mottiv li wassal ghal dan is-sinistru izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad.

Ghal dawn il-motivi dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

iii. Illi l-istess jista' jinghad ghal dik il-parti tax-xhieda fejn Holmes jirrakonta n-natura tal-griehi li sofra u l-kura li huwa irceva kemm meta kien ghadu Malta kif ukoll meta irritorna l-Ingilterra. Illi ma ghandux ghalfejn jinghad illi l-prova dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Sean Holmes ghandha tinghata unikament mill-esperti nominati mill-Qorti u mill-Magistrat fl-*in genere* u il-membri tal-gurija ghandhom jigu iggwidati f'din id-direzzjoni. Illi il-Qorti ma tararx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-oggezzjoni maghmula mill-akkuzat dwar ix-xhieda ta' tobba *ex parte*, billi l-parti leza ma ipproduciet l-ebda prova f'dan ir-rigward, izda l-

unika prova li hemm fl-atti dwar il-griehi sofferti minnu hija dik tat-tobba li taw l-ewwel assistenza u sussegwentment ikkurawh gewwa l-isptar u ir-rapporti tal-esperti mediko-forensici li ressqu il-fehma taghhom skont il-ligi fir-rigward. Issa jekk fil-fatt il-parti leza taghti stampa ohra jew esagerata tal-griehi sofferti minnha, kif qed jallega l-akkuzat li ghamel Holmes, dan certament ma jista' qatt jikkostitwixxi xi prova oggettiva dwar n-natura ta'l-istess griehi billi huwa dmir ta'l-imhallef togat illi jaghti id-direzzjoni lill-gurati illi fuq dak li jenhtieg sengha jew hila specjali, huma biss l-esperti innominati mill-Qorti li jistghu jaghtu l-fehma taghhom u hadd iktar, lanqas il-vittma innifsu. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

iv. Illi l-akkuzat jobbjetta ukoll ghal dik il-parti tat-testimonjanza ta' Holmes a fol.34 tal-process fejn huwa jindika l-piena li giet komminata kontra tieghu in segwitu ghal proceduri kriminali li ittiehdu kontra tieghu in konnessjoni ma' dan il-kaz u cioe' ghall-agressjoni maghmula minnu fil-konfront ta' Silvio Felice. Illi l-Qorti ma tara l-ebda raguni la legali u lanqas fattwali li tista' twassalha sabiex tiskarta din l-prova billi l-istess ma ghandha l-ebda rilevanza sabiex tigi stabbilita ir-reita' fl-akkuzat ghall-akkuzi li qieghed jiffaccja. Fuq kollox jidher illi huwa l-istess akkuzat li jixtieq jaghmel dina l-prova billi fl-ewwel lok kienet l-istess difiza li in kontro-ezami poggiet dina l-mistoqsija lill-Holmes meta huwa xehed fl-istadju kumpilatorju, u fit-tieni lok, issa f'dan l-istadju huwa l-istess akkuzat illi flimkien man-nota ta'l-eccezzjonijiet tieghu iressaq bhala prova l-istqarrija rilaxxjata mill-parti leza meta huwa gie interrogat mill-pulizija qabel ma tressaq il-Qorti kif ukoll ritratti tal-griehi li sofra missieru Silvio Felice fl-agressjoni subita minn taht idejn Holmes.

v. Illi l-hames eccezzjoni sollevata mill-akkuzat giet minnu irtirata fis-seduta tas-06 ta' April 2016 u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-istess.

vi. Illi l-ahhar eccezzjoni imqanqla mill-akkuzat, marbuta man-nullita tat-Tieni Kap ta'l-att ta'l-akkuza, hija maqsuma f'zewg oggezzjonijiet ewlenin u cioe':

A. fl-ewwel lok ghaliex id-dicitura li intuzat mill-Avukat Generali fit-tieni paragrafu tat-tieni kap ta'l-att ta'l-akkuza hija identika ghal kliem adoperat fl-

artikolu 24(2) ta'l-Ordinanza dwar l-Esplossivi kif kienet fis-sehh fiz-zmien li allegatament sehh ir-reat. Jobjetta l-akkuzat ghal dan ghaliex bl-Att XX.2012.6 din id-disposizzjoni tal-ligi u cioe' is-subartikolu 2 ta'l-artikolu 24 tal-Ordinanza gie imhassar. Kwindi jishaq illi gjaldarba ir-reat li bih illum jinsab akkuzat ma ghadux jezisti allura isegwi illi huwa ma jistax jigi misjub hati ghall-istess u dan in linea mal-insenjament *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Inoltre l-artikolu 24(1)(2) kif llum rinumerat ma jiriflettiex allura r-reat li bih jinsab mixli l-akkuzat. Ghaldaqstant fil-fehma tal-akkuzat l-artikoli 24(1)(2) u 33(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi ghandhom jigu imhassra mit-tieni kap.

B. Fit-tieni lok ghalkemm l-Avukat Generali fit-tieni kap ta'l-att ta'l-akkuza jindika l-artikolu 29(1)(2)(b) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, madanakollu fid-data indikata fl-att ta'l-akkuza u cioe' fit-13 ta' Dicembru 2007 dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi ma kenux jezistu u dan ghaliex dawn dahhlu fis-sehh pemrezz ta'l-Att VIII tal-2008.

Maghdud dan allura fil-fehma tal-akkuzat, anke jekk dawn iz-zewg eccezzjonijiet jigu michuda, l-piena indikata mill-Avukat Generali f'dan il-kap ta'l-att ta'l-akkuza hija zbaljata billi il-piena ghar-reat kif kien vigenti fl-2007 kien ferm inqas u cioe' kien ta' perijodu sa massimu ta' sitt xhur prigunerija jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux iktar minn €465.87.

Illi il-principju tad-dritt penali iccitat mill-akkuzat ta' *nullum crimen sine lege* necessarjament ifisser illi ebda persuna ma tista' tigi akkuzata b'att jew omissjoni li ma kienx jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh u dan ghaliex hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghal kummissjoni ta'l-istess. Illi sahansitra l-artikolu 11 tal-UDHR (Universal Declaration of Human Rights) ighid hekk:

***"No one shall be held guilty of any penal offence on account of any act or omission which did not constitute a penal offence, under national or international law, at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the penal offence was committed".***

Issa fil-kaz in dizamina huwa indubitat illi l-att li wassal sabiex l-Avukat Generali fassal it-Tieni Kap ta'l-att ta'l-akkuza kien jikkostitwixxi reat fiz-zmien meta sehh. Dan huwa fatt inkontestat. Illi l-artikolu 24(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma gie abrogat permezz ta'l-Att XX tal-2012, kien iwassal sabiex kull persuna li minghajr licenzja tal-pulizija jispara arma tan-nar f'post abitat jew fit-triq pubblika jiffaccja prosekuzzjoni penali ghal dan l-att. Illi allura f'dan il-kaz huwa dak dispost fil-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu isib applikazzjoni u mhux il-principju ta' dritt iccitat mill-akkuzat. L-artikolu 12 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni jaqra:

**(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux:**

**d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**

**e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel, u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu posti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.**

Illi fid-decizjoni il-Pulizija vs Benny u Anna Zaffarese, il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali sahhqet illi anke fejn il-ligi il-gdida ma taghmilx ebda riserva meta b'xi emenda jigi imhassar xi reat, ghandu japplika l-artikolu 12(1) ta'l-Att dwar l-interpretazzjoni, kif hawn fuq iccitat.[4] Dan dejjem ghandu isir taht is-salvadwardja kostituzzjonali, li jirriproduci d-dritt internazzjonali ghal harsien tal-jeddijiet tal-bniedem hawn fuq iccitat, fejn fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni hemm espressament dispost illi:

**"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad**

[4] Ara ukoll Il-Pulizija vs George Debono – 20/01/1995

**jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul."**

Dak li huwa imhares fil-Kostituzzjoni allura huwa l-jedd ta' kull persuna akkuzata b'reat illi ma tigix imposta fuqu ebda piena aktar harxa mill-oghla piena li setghet tigi imposta fuqu fiz-zmien meta ikun gie kommess dak ir-reat. Dan necessarjament ifisser allura li ghalkemm l-akkuzat jista' jigi ipprocessat ghall-att jew omissjoni li kien jikkostitwixxi reat meta sehh, ghalkemm illum dak l-att jew omissjoni ma ghadux meqjuz bhala reat kriminali, madanakollu huwa ma jistax jigi iproccessat u jehel piena aktar harxa minn dik li kienet tapplika ghalih fiz-zmien li sehh dak ir-reat ghalkemm dik il-piena tkun sussegwentment saret iktar harxa b'emendi fil-ligi li jigu affetwati wara l-kummissjoni ta'l-istess. Fuq kollox ghandu jinghad illi il-pussess u il-garr ta' arma tan-nar barra minn xi fond u allura l-uzu ta'l-istess minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija jikkostitwixxi reat taht l-Att Dwar l-Armi u kwindi l-akkuzat ma jistax jikkontendi illi l-att maghmul minnu illum ma huwiex reat billi illum huwa regolat minn ligi *ad hoc* li tirregola l-uzu u l-pussess ta'l-armi tan-nar.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet allura din il-Qorti tara li ghandha issir korrezzjoni f'dan it-tieni kap ta'l-att tal-akkuza sabiex jigu riflessi dawn il-principji ta'dritt kostituzzjonali u penali u dan ghaliex l-artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali jaghti d-dritt lill-Qorti *ex officio* illi purche' ma jizdied xejn fl-att ta' l-akkuza li jkun jista' jaghmel izjed gravi r-reat, taghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Zammit et (31/07/1998) gie deciz illi:

"***Una volta li l-Qorti Kriminali ma tkunx sodisfatta li l-iter tal-gustizzja jkun sejjer jigi servut ahjar bil-mod li l-Avukat Generali jkun qed jitlob tali korrezzjoni, jkollha kull dritt li tassigura li l-att ta' l-akkuza jigi korrett in sintonija mad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Kodici Kriminali***".

L-unika kondizzjoni li timponi l-ligi hija dik li "***ebda haga m'ghandha tizdied fl-Att ta' l-Akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat,"*** **u l-kriterju principali, jekk mhux l-uniku, li a bazi tieghu ghandu jigi stabbilit jekk reat isirx aktar gravi bil-**

**korrezzjoni f'Att ta'Akkuza, jew il-bdil tieghu, jew f'xi Kap minn tieghu, hija l-piena kif stabbilita mill-ligi.**

Illi gie ritenut f'"Rex. vs. Strickland " [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) li :- "***Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese , la nullita' dell'atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti rimediabile nell'accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ….***" Gie ukoll ritenut li l-att tal-akkuza ma jistax jigi annullat minhabba zbalji li jistghu, skond il-ligi, jigu korretti mill-Qorti fil-kors tal-kawza. (ara. Regina vs. Cutajar, Qorti Kriminali , 17.10.1987 u Rex vs. C. Camilleri , Qorti Kriminali , 2.5.1905 )

Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi ghandha tordna il-korrezzjoni *ex officio* tal-kliem adoperat fit-Tieni Kap ta'l-att ta'l-Akkuza u dan kemm f'dik il-parti li titkellem dwar il-piena kif ukoll fejn hemm iccitati d-disposizzjonijiet tal-ligi li tahtu l-akkuzat jinsab mixli. Illi allura il-kliem "ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux anqas minn sitt xhur sal-kliem ghall-htija ta'l-imsemmi akkuzat ghandhom jithassru u jigu sostitwiti bis-segwenti:

**" illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux iktar minn €465.87, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien skond dak li kien hemm u intqal fl-artikoli 2, 24(2), 29 u 33 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif kienet vigenti dik il-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta'l-imsemmi akkuzat."**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ghalkemm qed tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat b'dan illi fil-kors tal-guri, l-gurati ghandhom jinghataw dawk id-direttivi kollha mehtiega skont il-ligi in konnessjoni mal-apprezzament li ghandu jigi maghmul tax-xhieda u l-provi in linja ma' dak hawn fuq deciz u bis-setgha moghti lilha bl-artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali qieghda tordna illi it-Tieni Kap ta'l-Att ta'l-Akkuza ghandu jigi emendat sabiex minflok il-kliem "ghall-piena ta' prigunerija

ta' mhux anqas minn sitt xhur" sal-kliem "ghall-htija ta'l-imsemmi akkuzat" ghandhom jithassru u jigu sostitwiti bis-segwenti:

**" illi huwa jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn €46.59 u mhux iktar minn €465.87, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien skond dak li kien hemm u intqal fl-artikoli 2, 24(2), 29 u 33 tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif kienet vigenti dik il-ligi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta'l-imsemmi akkuzat."**

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur